MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 407/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Tisserand Alexander Luc Denis**

**ID 42444A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2013, illi ‘l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u tmienja u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€388.21) in konnessjoni ma’ 79963656 (AC51067703), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 22 ta’ Mejju, 2010.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2144/12, u bl-imghaxijiet mit-28 ta' Settembru, 2012 data ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€388.21) bl-imghax legali mit-28 ta' Settembru, 2012 data tal-imsemmija ittra ufficjali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2144/12, ikunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------